MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 498/2006

Public Broadcasting Services Limited
vs
Effects Marketing Consultants Ltd

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi s-socjeta` intimata hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta’ hamest elef disa’ mija wiehed u sebghin liri Maltin (Lm5,971.00) rapprezentanti bilanc fuq somma akbar ta’ drittijiet dovuta lilha ghal servizzi ta’ reklamar rezi fuq il-mezzi taghha tax-xandir.

2. Illi ghalkemm is-socjeta` intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont dovut, inkluz permezz ta’ ittra ufficjali tat-12 ta’ Dicembru, 2005, din baqghet inadempjenti.

3. Illi l-ammont kien cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti s-socjeta` intmata ma kellhiex eccezzjonijiet xi tressaq ghat-talba li kienet qed issirilha u dana skond l-affidavit tar-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti anness mar-rikors u mmarkat Dok A.

4. Illi ghalhekk kienu jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta' l-Artikoli 167 – 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Taqta' u tiddeciedi skond it-talba rikorrenti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-Artikoli 167 – 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' hamest elef disa' mija wiehed u sebghin liri Maltin (Lm5,971.00) rapprezentanti bilanc fuq somma akbar dovuta lilha bhala drittijiet ghal servizzi ta' reklamar rezi fuq il-mezzi taghha tax-xandir.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura, kif ukoll ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Dicembru, 2005, u bl-interessi legali dekorribli mid-data tal-fatturi relattivi (kif jirrizulktaw minn *statement* anness mar-rikors bhala Dok B) sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` intimata li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat illi fis-6 ta' Lulju 2006 (fol 12), il-Qorti awtorizzat lis-socjeta` intimata biex tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet.

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata li biha esponiet:

1. Illi t-talba rikorrenti kienet intempestiva u saret inutilment peress li l-ammont reklamat mis-socjeta` rikorrenti ma kienx ezigibbli f'daqqa, u dana billi f'Lulju

2004 kien intlahaq ftehim verbali bejn is-socjeta` rikorrenti u s-socjeta` intimata, fejn gie maqbul illi s-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont bilancjali dovut lilha f'pagamenti mensili ta' mija u erbghin lira Maltin (Lm140) – liema pagamenti saru mis-socjeta` intimata a tenur ta' dan il-ftehim u dejjem gew accettati mis-socjeta` rikorrenti.

2. Illi ghalhekk ukoll is-socjeta` intimata ma kellhiex tbati l-ispejjez ta' din il-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mis-socjeta` intimata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni ta' Ramona Mamo DeGiovanni ghan-nom tas-socjeta` rikorrenti Public Broadcasting Services Limited fejn issemma li s-socjeta` intimata hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' hamest elef disa' mija wiehed u sebghin liri Maltin (Lm5,971.00) rapprezentanti bilanc fuq somma akbar ta' drittijiet dovuta lilha ghal servizzi ta' reklamar rezi fuq il-mezzi taghha tax-xandir. Illi ghalkemm is-socjeta` intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont dovut, inluz permezz ta' ittra ufficjali tat-12 ta' Dicembru, 2005, din baqghet inadempjenti.

Gie prezentat affidavit ta' Ramona Mamo DeGiovanni li qalet li l-istess socjeta` kellha tiehu minghand is-socjeta` Effects Marketing Consultants Ltd, is-somma ta' hamest elef disa' mija wiehed u sebghin liri Maltin (Lm5,971.00) rapprezentanti bilanc dovut minnha fir-rigward ta' servizzi rezi lilha fuq il-mezzi tax-xandir.

Xehdet Ramona Mamo DeGiovanni u qalet li hi kienet tahdem mal-PBS u kellha l-kariga ta' ***clerk***. Il-bilanc dovut illum mill-Effects Marketing Consultants Ltd lil PBS huwa ta' erbat elef erba' mija u wiehed u tletin (Lm4,431) lira Maltin. Ikkonfermat li fil-fatt il-pagamenti saru kull xahar mill-Effects Marketing mill-2004 'l hawn. Ir-raguni tal-kawza hija li bhala ***policy*** il-PBS tkun trid illi tkun ***covered*** b'sentenza tal-Qorti li l-ammonti dovuti jkunu dikjarati hekk mill-Qorti. Huwa vera li dan peress li kienet dahlet b'effett mill-2006 pero` wkoll meta kellha ***meeting*** mad-diretturi kienu qalulha l-ammonti li qeghdin jithallsu kull xahar huwa wiehed baxx u ghalhekk riedu li tkun riveduta. It-talba li kellha mill-***management*** taghha ghaddietha lil Effects Marketing u fil-fatt giet milqughha. Ikkonfermat li l-Effects Marketing kienet lesta li tiffirma l-ftehim qabel ma' nfethet il-kawza, kien veru wkoll illi dak il-ftehim ma' giex iffirmat minhabba li kien hemm ***u-turn*** mill-PBS.

Gie prezentat affidavit ta' Edmund Tabone li fih issemma li hu kien mpjegat mas-socjeta` rikorrenti fil-kwalita` ta' ***Manager Corporate Services*** u bhala tali hu fost affarijiet ohra, responsabbli, ghal kontroll tad-debituri u awtorizzat jirrapprezenta lil dik is-socjeta` f'dawn il-proceduri. Filwaqt li ddikjara li llum l-ammont dovut lil din is-socjeta` minghand is-socjeta` intimata nizel ghal erbat elef, tmien mija u wiehed u hamsin lira (Lm4,851), ikkonferma l-fatti l-ohra elenkati fir-rikors. Spjega li hu beda jahdem mas-socjeta` rikorrenti mill-1 ta' Frar 2006 u ghalhekk ma kien jaf xejn dwar id-diskussjonijiet li saru mas-Sur Eric Vella Bonnici. Dan ta' l-ahhar telaq fid-9 ta' Awissu 2004 u qal li fil-***files*** tas-socjeta` rikorrenti ma kien sab xejn li jindika li kienu saru dawn id-diskussjonijiet jew li sahansitra kien intlahaq xi ftehim dwar il-bilanc dovut mis-socjeta` intimata u l-mod kif kien ser jithallas. Seta' pero` jikkonferma li dik is-socjeta` baqghet sallum taghmel pagamenti ta' mija u erbghin liri Maltin (Lm140) kull xahar. Ikkonferma wkoll li dak iz-zmien kien intalab il-bilanc shih minghand is-socjeta` intimata u li din kienet infurmathom li ma kenitx f'pozizzjoni li thallas l-ammont kollu pendenti.

Gie prezentat affidavit ta’ Raymond Debono fejn qal illi hu direttur tas-socjeta` intimata f’din il-kawza. Ikkonferma li fl-2004 kienu saru sensiela ta’ diskussjonijiet bejnu u s-Sur Eric Vella Bonnici li dak iz-zmien kien ufficjal ewlieni inkarigat mill-finanzi tas-socjeta` rikorrenti. Hu kellu relazzjoni mill-aqwa mal-PBS u ried jonora l-obbligi tieghu kollha li kellha l-kumpanija tieghu, li kienet u ghadha ghaddejja minn diffikultajiet finanzjarji, u in vista ta’ dan f’Lulju 2004 kien intlahaq ftehim dwar il-bilanc li kien dovut dak iz-zmien minn Effects Marketing Consultants Limited lill-Public Broadcasting Services Limited dwar servizz ta’ reklamar rez mill-PBS lis-socjeta` rapprezentata minnu. Kien intlahaq ftehim ukoll dwar il-modalita` ta’ kif kellhom isiru l-pagamenti dwar dan l-ammont dovut. Dan il-hlas kellu jsir f’pagamenti mensili ta’ mija u erbghin lira Maltin (Lm140). Fadal bilanc ta’ Lm4,679 dovut minn Effects Marketing Consultants Limited lil-PBS.

Xehed Eric Vella Bonnici u qal li hu fl-2004 kellu l-kariga ta’ ***Manager Finance*** mal-PBS u parti mix-xoghol tieghu kien il-***credit control***. Iz-zewg kumpaniji ta’ Raymond Debono u cioe` Effects Marketing u d-Datatrak Multimedia kellhom jaghtu xi ammonti lill-PBS, imma kien hemm xi problemi ghax ma bdewx jeffettwaw il-pagamenti rateali. Ftakar li fil-fatt Ray Debono kien mar ikellmu l-PBS dwar id-diffikultajiet li kien hemm fil-pagamenti, u kien sar ftehim verbali fuq pagamenti fix-xahar, pero` ma kienx ftakarx ezatt ta’ kemm. Kien jaf zgur li s-somma kienet taht il-LM500 u l-PBS kellha tieqaf li tipprocedi sakemm jibqghu sejrin dawk il-pagamenti. Hu kien issuggerixxa li jsiru element ta’ ***post dated cheques***, wara gimghat qallu li l-avukat tieghu ma tahx dak il-parir u hu qallu “mela la l-avukat tieghek ma takx dak il-parir ejja mmorru halli naghmlu ***standing order*** mal-Bank”. Sakemm jaf hu dan l-***istanding order*** hu kien talbu biex fuqha mbaghad kienu jifformulaw ***agreement*** bil-miktub ***plus*** il-kopja li kellhom ta’ l-i***standing order*** u sa fejn jiftakar hu, sa l-ewwel gimgha ta’ Awissu 2004 ma kienux gew u ma kienx sar il-ftehim riskritt minnu. Sal-2004 ghamel pagamenti ghax kienu jigbru c-cekkijiet. Wara ma jafx ghax ma baqax jahdem il-PBS.

Fil-5 ta’ Marzu 2007 Raymond Debono ghas-socjeta` konvenuta ddikjara li jaqbel mal-bilanc indikat fix-xhieda ta’ Ramona Mamo Degiovanni u cioe` Lm4,431.

Illi mill-i***statement*** PBS1 fol 33 sa 37 tal-process, dan huwa l-ammont indikat.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din il-kawza giet intavolata mis-socjeta` rikorrenti stante li s-socjeta` konvenuta kienet debitrici ghas-somma ta’ hamest elef, disa’ mija u wiehed u sebghin (LM5,971) rapprezentanti bilanc fuq somma akbar ta’ drittijiet dovuti lilha ghal servizzi ta’ reklamar rezi fuq il-mezzi tax-xandir. Illi min-naha l-ohra, is-socjeta` intimata fir-risposta, eccepiet l-intempestivita` tal-azzjoni peress li l-ammont mitlub mhux ezigibbli f’daqqa, u dan billi f’Lulju 2004 intlahaq ftehim verbali fejn gie maqbul li s-socjeta` intimata ghandha thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta’ mija u erbghin Liri Maltin (LM140) liema pagamenti mensili dejjem saru mis-socjeta` rikorrenti, u ghalhekk is-socjeta` intimata m’ghandhiex tbati l-ispejjez ta’ din l-istanza.

Illi rrizulta mill-atti tal-kaz li kien qieghed isir ftehim verbali bejn is-socjeta` rikorrenti u s-socjeta` intimata li jibdew isiru pagamenti mensili ta’ LM140, f’liema kaz il-Public Broadcasting Services Ltd. u s-socjeta` konvenuta kienu ser isegwu dan bi ftehim bil-miktub. Illi l-partijiet fix-xhieda taghhom kollha jikkonfermaw li dan il-ftehim verbali, fil-fatt, sar bejn il-partijiet. Ramona Mamo DeGiovanni, bhala impjegata tal-Public Broadcasting Services Ltd. fil-fatt, ikkonfermat li l-bilanc dovut mis-socjeta` intimata fil-5 ta’ Marzu 2007 kien jammonta ghal LM4,431, ma’ liema ammont qabel ukoll Raymond Debono ghas-socjeta` konvenuta. Ghalhekk l-ammont mitlub fir-rikors odjern kien diga tnaqqas permezz tal-pagamenti mensili (a fol 33 u 37). Ix-xhud ikkonfermat ukoll li hu veru li dak il-ftehim ma sarx bil-miktub u ffirmat bejn il-partijiet u ziedet tghid li in segwitu kien hemm bdil tal-hsieb min-naha tal-Public Broadcasting Services Limited.

F’dan il-kuntest, ta’ min isemmi li l-artikolu 1233(d) tal-Kap 16 jipprovdi li:
“Bla hsara tal-kazijiet li fihom il-ligi, espressament, taghmel mehtieg l-att pubbliku, ghandhom isiru b’att pubbliku jew b’kitba privata, taht piena ta’ nullita`…
d) it-transazzjoni.”

Illi f’dan l-istadju, huwa importanti li din il-Qorti abbazi tal-provi prodotti, tara jekk effettivament kienx hemm transazzjoni bejn il-partijiet. Illi l-ligi stess taghti definizzjoni ta’ transazzjoni fl-artikolu 1718 tal-Kap 16 li jiddisponi:
“It-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet, b’xi haga li jaghtu, iweghdu, jew izommu, jaghtu tmiem ghall-kawza mibdija, jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir.”

Huwa pacifiku li “***perche un contratto possa qualificarsi di transazione, e` necessario che le parti col medesimo abbiano posto fine ad una lite incominciata o prevenuto una lite che fosse per nascere***.” (Kollez. Vol. X. pg.337) Ara wkoll (**Reverendu George Schembri vs Igor Moscalenko** deciza mill-Prim’ Awla Qorti Civili deciza fid-9 ta’ Gunju 2004).

Illi l-insenjament ighid li jezistu zewg elementi ghat-transazzjoni: “***Due elementi…***” - cosi il **Ricci,** Corso di Diritto Civile, Vol.IX, n. 107 – “***caratterizzano la transazione e la distinguono da ogni altro contratto. Il primo e` costituito dal dubbio dal quale le parti vogliono uscire, risolvendolo esse stesse, anziche` deferire la decisione al magistrato; il secondo da cio che l pratici chiamano ‘hine inde remissum’. Quest’ altro elemento consiste in cio` che ciascuna delle parti deve dare, promettere o ritenere qualche cosa. E` insomma il mutuo sacrificio cui entrambi le parti si assoggettano nello scopo di terminare una lite o di evitarla, quello che costituisce la transazione e le imprime un carattere proprio per il quale va distinta da ogni altra convenzione…..***” (Ara **Saverio Spiteri vs Giuseppe Azzopardi,** Appell Civili deciz fil-21 ta’ Jannar 1928).

Infatti, **Trabucchi** fit-Trattat **"Istitusione di Diritto Civile"** jghid li:
***"la transazione infine e` il contratto con il quale le parti pongono fine a una lite gia' cominciata o prevengono una lite che sta per sorgere tra loro, facendosi reciproche concessioni…..La transazione non puo essere provata con testimoni; richiede la prova scritta."***
(pag. 851, 852). (Ara **Macpherson Mediterranean Limited vsJ.Lautier Co. Ltd.** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fl-1 ta' Ottubru 2002).

Fis-sentenza ricenti fl-ismijiet **Maria Attard vs Francesco Camilleri ,** Appell Civili deciz fit-30 ta' Gunju 2000 inghad: "Ghandu jkun car illi potenzjalment kull vertenza dwar drittijiet pretizi setghet twassal ghal proceduri gudizzjarji. Mill-banda l-ohra, kull vertenza bhal din setghet tigi komposta barra l-Qorti u indubbjament il-ligi ma tesigix, u mkien ma hemm provdut, li kull ftehim milhuq dwar vertenza ta' din ix-xorta kellu necessarjament jigi redatt bil-miktub u ffirmat mill-kontendenti ad validitatem u taht piena ta' nullita`. Il-ligi bl-ebda mod ma riedet tnaqqas il-valur tal-ftehim bonarju, sigillat bil-ftehim bil-fomm, taht l-insenja tal-irgulija. Il-ligi kienet tesigi biss li meta l-vertenza dwar drittijiet tkun tifforma l-mertu ta' kawza diga mibdija jew li tkun sejra ssir, din kien jehtieg li ssir b'kitba taht piena ta' nullita` biex tigi assigurata c-certezza ta' prova li tali transazzjoni tkun verament sehhet u biex jigu kjarament stabbiliti t-termini taghha."

"Dan proprju biex jigi evitat li ftehim ta' din ix-xorta mhux kjarament espress jew jintralcja ulterjorment kawza gja mibdija jew jipprovoka komplikazzjonijiet f'kawza li tkun sejra ssir. Il-ligi allura, f'dawn ic-cirkostanzi, tesigi l-ahjar prova ta' obbligazzjonijiet assunti u taghzel li tinjora bhala mhux ezistenti kull komposizzjoni bonarja ta' vertenzi li ma jkunux bil-miktub."

Jigi dedott li skond l-artikolu 1233 (1) tal-Kodici Civili, transazzjoni biex tkun valida trid isir b'att pubbliku jew b'kitba privata. Fil-kaz in ezami, ma tezisti ebda prova li saret transazjoni bil-miktub anzi jirrizulta li l-ftehim kien

verbali u kundizzjunat. Hawnhekk ta' min isemmi li hemm distinzjoni bejn kompromessi f'kawza quddiem il-Qorti, u mhux semplici arrangament ossija ftehim bonarju li sar bejn il-partijiet qabel ma giet istitwita din il-kawza.

Fil-gurisprudenza nostrana mhux daqshekk recenti, kemm-il darba gie ritenut li transazzjoni tinkludi biss kompromessi f'kawza quddiem il-Qorti. Izda mid-definizzjoni li taghti l-ligi fl-artikolu 1718, wiehed jifhem li mhux kompromessi f'kawza quddiem il-Qorti biss jammontaw ghal transazzjoni, izda anke ftehim bonarju li jkun sar mill-partijiet qabel giet istitwita l-kawza. Illi fil-kaz **Emmanuel Mifsud et vs Raffaele Blanco,** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' April 1978, inghad:
"f'kaz fejn qabel inbdiet il-kawza l-partijiet kienu ftehmu bil-fomm dwar il-pendenzi ta' bejniethom, kienet iddecidiet li tali ftehim kien jammonta ghal transazzjoni u billi ma kienx sar b'att pubbliku jew skrittura privata, allura in forza tal-artikolu 1233(1) tal-Kodici Civili kien null."
(Ara wkoll **Joseph Micallef noe. vs Raymond Vella** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Marzu 1991).

Stante li fil-kaz in dizamina, il-ftehim verbali li sar mill-partijiet qabel ma giet istitwita din il-kawza, bl-intenzjoni proprju li tigi evitata din il-kawza, ma jistax jammonta ghal transazzjoni, din il-Qorti ghalhekk, hija tal-fehma li biex il-partijiet it-tnejn jassiguraw id-drittijiet reciproci taghhom, dan il-ftehim, kieku ma sarx permezz ta' att pubbliku, ried necessarjament isir permezz ta' skrittura privata. Hemm ukoll il-fatt li tali ftehim biex jigi finalizzat kien dipendenti milli ssir l-***istanding order.*** Il-Qorti wkoll sejra ghall-iskop tal-kap ta' l-ispejjez tikkunsidra l-fatt li saret ***u-turn*** fil-***policy*** tas-socjeta` attrici dwar il-metodu tal-pagament.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata, tiddikjara lis-socjeta` konvenuta debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' Lm4,431, bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta.

Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas l-ammont ta' Lm4,431, bl-imghax mit-12 ta' Dicembru 2005.

Minhabba n-natura tal-kaz dwar l-ispejjez terz ghas-socjeta` attrici u zewg terzi ghas-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------